**28 ta' Frar, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D**

Giljan Aquilina

*versus*

Saviour Borg

**Mandat – Irritwalità taċ-Ċitazzjoni – Spejjeż**

*F'kawża miexja kontestwalment ma' din, il-Qorti kienet ċaħdet it-talba attriċi għall-konferma tal-mandat minħabba l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, u kwindi l-mandat ma kienx baqa' fis-seħħ awtomatikament. F'din il-kawża l-attur jippretendi li ġaladarba l-mandat ma baqax fis-seħħ ħtija tal-konvenut allura l-ispejjeż ta' din il-kawża għandu jbatihom il-konvenut.*

*Il-fatt li l-mandat waqa' ma jfissirx neċessarjament li r-rikorrent ma kellux raġun fil-meritu tal-mandat. Din hija l-prova li trid issir f'din l-istanza. La l-attur – li fuqu jaqa' l-oneru tal-prova li l-pretensjoni tal-konvenut kienet infondata – baqa' ma għamilx din il-prova għandu jbati l-ispejjeż.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tagħha tat-12 ta' Frar 1988, fejn jinsabu rijassunti ċ-ċitazzjoni ta' l-attur u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut; u li permezz tagħha astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kawża peress li dan kien ġie eżawrit, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni fuq il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat l-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti; u,

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża kienet ġiet ittratta kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet "Saviour Borg *vs* Giljan Aquilina u Marika Aquilina" (Ċitaz. Nru 1187/86 CS), deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1988, u dana minħabba konnessjoni tal-meritu fiż-żewġ kawżi. Infatti, dik il-kawża kienet intiża għall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2206 tas-sena 1986, maħruġ minn din il-Qorti fuq talba ta' Saviour Borg kontra l-imsemmi Giljan Aquilina u bintu (Marika Aquilina); fil-waqt li din il-kawża hija intiża għar-revoka ta' l-istess mandat. Issa, f'dik il-kawża l-Qorti kienet ċaħdet it-talba attriċi għall-konferma tal-mandat minħabba l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, u kwindi l-mandat ma kienx baqa' fis-seħħ awtomatikament; din hi r-raġuni għaliex fil-kawża odjerna l-Qorti astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-meritu stante li dan kien ġie eżawrit;

Illi l-attur f'din il-kawża jippretendi li ġa la darba l-mandata ma baqax fis-seħħ ħtija tal-konvenut, allura l-ispejjeż ta' din il-kawża għandu jbatihom il-konvenut. Però l-Qorti ma taqbilx li mill-imsemmi fatt biss din il-konklużjoni titnissel loġikament u awtomatikament, kif jippretendi l-attur. Infatti, il-mandat in kwistjoni ma baqax fis-seħħ għaliex il-konvenut (allura r-rikorrent li talab il-mandat u li kien ġie milqugħ) ma ottemperax ruħu strettament mal-liġi tal-proċedura, u ċjoè li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu (allura protetta bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju) permezz ta' azzjoni fit-terminu preskritt mil-liġi għal dak l-iskop..... u kwindi l-effetti tal-mandat waqgħu awtomatikament u '*ipso jure*'. Iżda, dan ma jfissirx neċessarjament li l-mandat waqa' għaliex

ir-rikorrent imsemmi ma kellux raġun fil-meritu tal-mandat, u ċjoè għaliex il-pretensjoni tiegħu (ġa ppruvata fuq bażi ta' *'prima facie'* meta ġie milqugħ il-mandat) ma kinitx fondata fil-fatt u fid-dritt. Din hija l-prova li trid issir f'din l-istanza (fejn qed tintalab ir-revoka tal-mandat), u fuqha jiddependi l-kap ta' l-ispejjeż. Tant hu hekk li fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-attur, wara li jgħid li l-konvenut kien ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontrih biex ma jkomplix jiftaħ il-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għaliex kien qed jippretendi li kellu xi drittijiet fuq l-istess ħanut, kompla jesponi li "billi kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.....l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma għal kollox infondati u intiżi biex jagħmlu ħsara lill-attur u għalhekk l-attur talab ir-revoka ta' l-imsemmi *mandat*, "billi l-pretensjonijiet ta' l-esekutant huma għal kollox infondati....";

Illi l-fatti tal-każ huma ġa riprodotti fis-sentenza hawn fuq imsemmija tat-12 ta' Frar 1988, u ssir riferenza għalihom skans ta' ripetizzjonijiet żejda. Biżżejjed jingħad f'din il-kawża, għall-aħajr intendiment ta' din id-deċiżjoni, li l-konvenut f'din il-kawża kien qed jiġġestixxi l-ħanut in kwistjoni flimkien ma' bint l-attur (li magħha kien allura għarus), u meta tħassret l-għerusija l-attur ħa f'idejh it-tmexxija tal-ħanut (il-lokazzjoni tiegħu jidher li ġa kienet fuq ismu) naturalment fuq l-istock allura ġa eżistenti fil-ħanut (li almenu parti minnu kien inxtara waqt il-ġestjoni tal-ħanut mill-konvenut) u fl-interess tiegħu biss għall-esklużjoni tal-konvenut. Kien għalhekk li l-konvenut talab il-ħruġ tal-mandat *de quo* sabiex il-ħanut jibqa' magħluq sakemm jiġu llikwidati l-pendenzi ta' bejn il-kontendenti u l-interess tiegħu fih indipendentement minn kif ikun l-eżitu finali tal-kunteġġi relattivi bejn il-kontendenti; u li l-Qorti sabet dik il-pretensjoni tal-konvenut bħala *prima facie* ppruvata u laqgħet it-talba għall-

ħruġ tal-mandat. Issa, ma nġibux provi suffiċjenti biex twaqqa' dik id-deċiżjoni tal-Qorti fil-meritu. Għalhekk, fil-waqt li l-mandat issa m'għadux iseħħ, u kwindi m'hemmx lok iżjed għar-revoka tiegħu, l-ispejjeż għandu jbatihom l-attur, li fuqu kien jaqa' l-oneru tal-prova li l-pretensjoni tal-konvenut kienet infondata – prova li ma għamilx;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tastjeni ruħha illi tkompli tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża stante li dan jinsab eżawrit, u tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.